MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 825/2012

**Vassallo Concrete Services Limited**
**(C46055)**

***kontra***

**F.G.S. Construction Limited**
**(C17794)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fl-20 ta` Awissu 2012 li jaqra hekk –

*1. Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fl-ammont ta` hmistax-il elf erba` mija tlieta u tmenin euro u tlieta u tletin centezmu (€15,483.33)*

*rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta u dana kif jirrizulta mill-istatement anness (Dok. "VCS2") u l-invoices u delivery notes relattivi (Dok. "VCS3" sa Dok. "VCS25").*

*2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta` l-istess socjeta` attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta` l-istess socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta m`ghandhiex ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta` l-imsemmi ammont.*

*3. Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont hija baqghet inadempjenti u ma hallsitx.*

*4. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.*

*5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi l-attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh, ghall-finijiet ta` l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta li thallas lis-socjeta` attrici l-ammont ta` hmistax-il elf erba` mija*

*tlieta u tmenin euro u tlieta u tletin centezmu (€15,483.33) rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta u dana kif jirrizulta mill-istatement anness (Dok. "VSC2") u l-invoices u delivery notes relattivi (Dok. "VCS3" sa Dok. "VCS25").*

*Bl-ispejjez, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta` l-effettiv pagament, kontra s-socjeta` konvenuta rapprezentanti ta` liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat kienu debitament notifikati lill-kumpannija konvenuta skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenza tal-lum il-Hamis 6 ta` Dicembru 2012 fid-9.00 a.m., il-kumpannija konvenuta ma dehritx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati, taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –

**1. Tilqa` l-ewwel talba u ghalhekk qeghda tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh.**

**2. Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici s-somma ta` hmistax-il elf erba` mija tlieta u tmenin euro u tlieta u tletin centezmu (€15,483.33), rapprezentanti bilanc ta` prezz ta` materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------